MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 18/1983/1

**Grace Galea u b'digriet tal-20.4.95 l-atti kienu assunti ukoll minn Anthony Galea, Marianna Sciberras mart Grezzju, Rita Tanti mart Anthony, Emanuel Galea u Giuzeppi Galea bhala werrieta ta' Nazzareno Galea r-ragel ta' Grace Galea.**

**vs**

**Anthony Desira u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1983 kien kjamat in kawza John Mary Desira u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2004, John Mary Desira assuma l-atti bhala legatarju u eredi ta' Anthony Desira.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li permezz tieghu r-rikorrenti ddikjaraw u talbu s-segwenti:

"Illi hija tikri lill-intimat porzjon raba ta' cirka tomna formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Bur' bil-qbiela ta' zewg liri

maltin [Lm2] fis-sena pagabbli kull 15 t'Awissu b'lura, l-ewwel skadenza fil-15 t'Awissu, 1984.

Illi l-esponenti ghandha bzonn l-imsemmi raba' biex tahdimha hija u binha Joseph.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tar-raba' fuq imsemmi prevja likwidazzjoni tal-kumpens xieraq dovut lill-intimat skond il-ligi."

Ra ir-risposta tal-intimati:

"Illi fl-ewwel lok jesponu illi l-kerrej attwali tal-ghalqa 'Tal-Bur' ta' cirka tomna u nofs mikrija mir-rikorrenti mhux l-esponenti izda ibnu John Mary Desira u ir-rikorrenti giet avzata b'ittra ufficjali dwar dan.

Illi fil-mertu illi mhux minnu illi r-rikorrenti ghandha bzonn ir-raba' inkwistjoni ghaliha u ghal-binha Joseph, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal-permess jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha il-hardship tal-intimat ikun aktar mill-hardship tar-rikorrenti stante li r-raba' inkwistjoni huwa fonti importanti ghall-ghajxien tal-familja tal-esponenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza John Mary Desira fejn iddikjara:

"Illi Anthony Desira bin Vincenzo (missier l-esponenti) ittrasferixxa il-kirja tal-ghalqa tal-Bur ta' cirka tomna u nofs lill-esponenti u ir-rikorrenti giet avzata b'dan permezz ta' ittra ufficcjali'

Illi mhux minnu illi ir-rikorrenti ghandha bzonn ir-raba in kwistjoni ghaliha jew ghal-binha.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal-premess jekk it-talba tar-rikorrenti tkun milqugha il-hardship tal-esponenti ikun aktar mill-hardship tar-rikorrenti kieku it-talba tigi michud u dan stante illi ir-raba in kwistjoni huwa fonti importanti ghall-ghixien tal-familja tal-esponenti.

Salv sottomissjonijiet ohra”

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti qed tivvanta id-dritt ghar-ripresa tar-raba’ ai termini tal-artikolu 4 (2) (a) tal-Kap 199. Din il-kawza ilha pendenti ghal diversi snin izda l-ammont ta’ xhieda rakkolta relattivament ghaz-zmien li ilha pendenti mhux xi wahda sostanzjali ghaliex wara li finalment kien identifikat ir-raba’ mertu tar-rikors in dizamina, l-kawza rrizolviet ruhha fuq jekk verament ir-rikorrenti kellhiex bzonn dan ir-raba ghaliha u ghal binha u min mill-partijiet kien ser ibati l-aktar f’kaz li din tinghata lill-wiehed u mhux lill-iehor. Jirrizulta illi r-ragel tar-rikorrenti kien telaq lejn l-Awstralja u minkejja li kien jibghat 40 dollaru Awstraljan kull erba xhur, spicca biex abbanduna l-familja tieghu hawn Malta. Minn hamest itfal, Giuzeppi baqa’ joaghod maghha u dan mghandux impjieg fiss. Hija ghandha hamest itmien raba’ tnejn minnhom imqabbla lilha. Ir-rikorrenti xehdet illi l-intimat Anthony Desira huwa pensjonant u ghadu 70 sena ( xehdet fit-23 ta’ Novembru 1984); 20 sena wara in kontro-ezami, r-rikorrenti ikkonfermat illi binha kien ghadu jghix maghha u li kien ghadu b’impjieg mhux fiss.

Giuzeppi Galea xehed in kontro ezami fis- 7 ta’ Frar 2005 u qal illi huwa jahdem bhala driver ma’ ditta tal-kostruzzjoni bil-paga ta’ Lm67 (izda ma qalx kull kemm ghalhekk prezumibilment fil-gimgha).

John Mary Desira xehed (ara affidavit fol 166A) illi huwa minn dejjem kien jghin lil missieru fir-raba u li ghal dawk l-ahhar ghoxrin sena kien jahdem ir-raba hu stess. Huwa

qal li jahdem diversi prodotti fiha u kien idahhal bejn Lm300 u Lm400 fis-sena wara li tnehhi l-isepjjez. Izda f'dik is-sena kien zerghaha bil-qamh. John Mary Desira ddikjara ukoll illi ghandu impjieg regolari bi hlas ta' Lm106 kull hmistax (affidavit tat-28 ta' Ottubru 2004). In kontro-ezami qal li dan ir-raba *de quo* jahdmu hu biss. Illum ghandu paga ta' Lm128 kull hmistax. Ghal dawn l-ahhar tlett snin ir-raba' kien mizrugh qamh izda mill-istess ghalqa illum qieghd jaqla kemm jifdi l-ispejjez u cioe' hamsin lira kull sena. L-intimat xehed ukoll illi huwa ghandu hamest itmien raba' iehor fejn dik in kwistjoni;

Ra ukoll ir-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina nominat minn dan il-Bord fejn irrelta illi kwantu ghall-assi tar-rikorrenti Grace Galea, din ghandha, oltre r-residenza fejn toqghod, depozitu bankarju ta' Lm24 minn bilanc originali ta' Lm4000 li kellha tizbanka biex tkun tista' tghix hi u binha. Dawn il-flus kien provenjenti minn missierha talli kienet iddur bih. Oltre dan ghandha introjtu ta' cirka Lm150 fis-sena minn bejgh ta' prodotti agrikoli. Aktar tard, u cioe' wara l-mewt ta' zewggha, bdiet tirceivi l-pensjoni.

Ikkunsidra:

Illi wara li ha konjizzjoni tal-fatti kollha ta' dan il-kaz il-Bord huwa konvint illi r-rikorrenti jehtiegu r-raba' lura ghal-ghixien taghhom u li jekk dan jibqa' f'idejn l-intimati, li jinsabu f'qaghda ekomonika ferm ahjar, ikunu qed isofru aktar mill-istess intimati. Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtroizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba minghand l-intimati li huma ordnati jizgombaw minnha fi zmien xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------